



Strasburgu, 2012.10.23.
COM(2012) 629 final

Vol. 1/2

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU
U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2013

Il-prijorità assoluta ta' bħalissa hija li nindirzzaw il-kriżi ekonomika u li nerġgħu npoġġu lill-UE fit-triq tat-tkabbir sostenibbli. Dan hija l-bieċa xogħol numru wieħed għal din il-ġenerazzjoni ta' Ewropej. L-Ewropa trid tkun kapaċi tikkompeti fl-ekonomija globali, u biex dan iseħħ trid tissawwar b'mod li jippermettilha taħtaf l-opportunitajiet tal-ġejjieni. Dan jitlob għal ambjent makroekonomiku stabbli, li jista' jiġi ggarantit permezz ta' unjoni ekonomika u monterja effettiva. Jeħtieġ isir titjib sinifikanti fl-ekonomija, sabiex jiġu sfruttati l-ħafna kapaċitajiet li l-Ewropa tista' tibbaża fuqhom fl-ekonomija ta' għada, fejn l-intensità tal-innovazzjoni u tal-ħiliet se tkun waħda għolja. Dan jitlob li jsiru bidliet fl-ambjent kummerċjali fis-Suq Uniku; jitlob li l-potenzjal enormi tan-netwerks tal-Ewropa u tar-rivoluzzjoni tal-informatika jiġu sfruttati bis-sħiħ; jitlob għal ħiliet ġodda u għal għajjnuna sabiex dawk li llum jinsabu maqtugħin barra mis-suq tax-xogħol ikunu jistgħu jikkontribwixxu; u jrid jifassal mill-esiġenzi u l-opportunitajiet b'rabta mal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi. Dawn huma sfidi fit-tul li jitolbu li jsir sforz kollettiv mis-setturi kollha tas-soċjetà – iżda l-kontribuzzjoni tal-UE tibqa' dejjem prekundizzjoni għas-suċċess.

Din hija r-raġuni għaliex, fid-diskors tiegħu dwar l-istat tal-Unjoni, il-President Barroso għamel appell għal riflessjoni mill-ġdid dwar l-Ewropa – sabiex nanalizzaw il-konsegwenzi tal-isfidi li għandna quddiemna bħalissa u li qed jibdlu d-dinja tagħna mill-qiegħ. Ma jista' jkun hemm l-ebda tkabbir mingħajr ma ssir riforma, u ma jista' jkun hemm l-ebda mod kif nikkonfrontaw l-isfidi tagħna sakemm dan ma naghmluhx flimkien. Id-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tefa' ideat ambizzjużi għall-istruttura fit-tul tal-UE – unjoni ekonomika profonda u awtentika, ibbażata fuq unjoni politika. Jekk irridu li din il-viżjoni taffronta lill-kriżi twila li għadha qed tolqot lill-Ewropa, u b'mod partikolari liż-żona tal-ewro, trid tiġi tradotta fil-prattika permezz ta' miżuri konkreti.

Dan il-programm ta' ħidma għall-2013 jippreżenta l-viżjoni fit-tul ta' kif tista' tkun l-UE fl-oqsma ewlenin tal-politika, jiġbor fil-qosor x'hemm nieqes illum u jispjega kif il-Kummissjoni se tindirizza dawn l-isfidi. Bl-għoti tal-prijorità lill-inizjattivi t-tajbin, l-UE tista' tikkontribwixxi għat-tkabbir u għall-ħolqien tax-xogħol u tista', pass wara pass, toqrob lejn it-twettiq tal-viżjoni fit-tul tagħha.

Il-Kummissjoni diġà ressqet firxa wiesgħa ta' proposti favur it-tkabbir, li bħalissa qed jiġu nnegożjati bejn il-koleġiżlaturi. L-adozzjoni f'waqtha u l-implimentazzjoni sħiħa ta' dawn il-miżuri jibagħtu sinjal kruċjali ta' serħan il-moħħ liċ-ċittadini u lill-investituri, u b'hekk jgħinu biex l-attività ekonomika terġa' titqawwa u biex jingħata stimolu lill-ħolqien tant meħtieġ tax-xogħol. Jekk dan iseħħ, qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ta' Ġunju 2014 ikun intlaħaq rekord fejn jidħlu l-azzjonijiet min-naħa tal-UE. Fl-2013 il-Kummissjoni se tiddedika ħafna mill-enerġija tagħha għall-implimentazzjoni bħala mod immedjat kif jinkisbu l-benefiċċji tal-azzjoni tal-UE. Wara li jittieħdu d-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu sa tmiem l-2012 dwar il-qafas finanzjarju multiannwali, fl-2013 il-Kummissjoni se tiffoka fuq l-iffinalizzar tal-arranġamenti biex ikun hemm implimentazzjoni rapida. Dan se jsir, fost l-oħrajn, permezz ta' mandati ta' negożjar għal kull pajjiż individwali sabiex jiġi żgurat li l-prijoritajiet sostnuti permezz ta' investiment ifffinanzjat mill-UE jkun orjentati b'mod ċar lejn it-tkabbir u l-ħolqien tal-postijiet tax-xogħol. Investimenti mmirati sostnuti permezz ta' baġit tal-UE li jkun modern u favorevoli għar-riformi jistgħu jagħtu kontribut deċiżiv għat-tkabbir, għall-ħolqien tax-xogħol u għall-kompetittività.

Il-proposti f'dan il-programm ta' ħidma se jiġu ppreżentati matul l-2013 u fl-ewwel parti tal-2014, b'mod li jagħti kas tal-fatt li l-leġiżlatura preżenti riesqa lejn tmiemha. Fit-taqsimiet li ġejjin se ssir enfasi fuq xi wħud mill-azzjonijiet sabiex jintwera kif il-Kummissjoni se tikkontribwixxi biex jimtlew il-lakuni bejn il-miri tal-UE u s-sitwazzjoni kif inhi bħalissa. L-

Anness I fih lista aktar iddettaljata tal-proposti li l-Kummissjoni biġsiebha tipproponi fl-2013 u fl-2014.

Nibnu sisien tajbin: lejn unjoni ekonomika u monetarja awtentika

L-objettiv

Il-qawwa tal-Ewropa qiegħda fil-konnessjoni tal-ekonomiji tagħna waħda mal-oħra. Kienu s-suq uniku u l-munita komuni li wassluna s'hawn, u issa l-mod integrat kif titfassal il-politika ekonomika fil-livell Ewropew permezz tas-semestru Ewropew qed iqarreb lill-ekonomiji tagħna lejn xulxin bħal qatt qabel. Madankollu, il-kriżi wrietna li s-suq uniku għas-servizzi finanzjarji jista' jwassal għall-istabbiltà finanzjarja, għat-tkabbir ekonomiku u għall-ħolqien tax-xogħol biss jekk ikun ikkomplementat b'awtorità regolatorja u superviżorja waħda u b'saħħitha fil-livell tal-UE. Il-pass li jmiss irid ikun li napprofondixxu l-unjoni ekonomika u monetarja permezz tal-ħolqien ta' unjoni bankarja u fiskali li tkun tiffunzjona perfettament.

X'hemm nieqes illum?

Biex ikollna UEM awtentika, jeħtieġ li naħdmu b'mod komprensiv sabiex nindirizzaw iċ-ċirku vizzjuż ta' dejn eċċessiv tas-settur privat, dejn sovrani mhux sostenibbli u settur bankarju dgħajjef. L-UE jonqosha qafas globali biex ikunu jistgħu jitneħħew il-lakuni f'politika integrata għal kollox dwar is-servizzi finanzjarji, b'mekkaniżmu wieħed għall-viġilanza fuq il-banek u b'regolamentazzjoni waħda għall-istituzzjonijiet finanzjarji kollha. Teħtieġ ukoll li tlesti u timplimenta l-aktar mekkaniżmi effettivi li ġew issuġġeriti sabiex ma jkunx hemm politiki fiskali mhux sostenibbli u żbilanċi ekonomiċi u, jekk ikun hemm, jissewew. Se jkun fundamentali wkoll li jkun hemm koordinazzjoni aħjar tal-politiki tat-taxxi. Il-progress li sar matul is-semestru Ewropew għadu ma tax il-potenzjal tiegħu b'mod li jippermetti li r-rakkomandazzjonijiet jiġu ttrasformati f'riformi strutturali fl-UE.

Minkejja li għadha mhix kompluta, il-governanza ekonomika tagħna diġà ssaħħet bil-kbir permezz tal-istrateġija Ewropa 2020, tas-semestru Ewropew, u tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni "six-pack". Huwa urġenti li jintlaħaq ftehim dwar il-leġislazzjoni "two-pack" sabiex il-governanza ekonomika tkompli tiġi kkompletata. Fl-2013, il-Kummissjoni se:

- Tniedi r-raba' semestru Ewropew permezz tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir;
- taħdem fuq il-pjan għal UEM komprensiva u awtentika li se tippubblikah qabel tmiem l-2012;
- tipproponi leġislazzjoni oħra biex ikompli jissaħħu l-istabbiltà, it-trasparenza u l-ħarsien tal-konsumatur fis-settur finanzjarju (pereżempju, dwar riskji sistemiċi relatati mal-istituzzjonijiet mhux bankarji u mas-sistemi bankarji paralleli).

Il-leġislazzjoni li diġà qiegħda fis-seħħ u dik li qed tiġi kkunsidrata bħalissa jirrappreżentaw tiswir fundamentali mill-ġdid tas-sistema finanzjarja tal-UE. Ftehim dwar is-superviżjoni bankarja jpoġġi lis-sistema finanzjarja Ewropea fuq pedamenti ħafna aktar fiż-żgur u jservi bħala bidu tajjeb li jagħti impetu għall-ħolqien ta' aktar fiduċja. Matul l-2013 se jiġu implimentati bosta regoli ddettaljati minn dan il-pakkett. L-istess jgħodd għall-politika favur il-koeżjoni, li fiha l-prijoritajiet ewlenin għall-miżuri maħsubin biex ikollna aktar tkabbir u għar-riformi strutturali li ħarġu mis-semestru Ewropew se jitqiegħdu fil-qalba tal-programmi nazzjonali u reġjonali ġodda u fejn l-enfasi se tkun fuq l-iffinalizzar tal-mandati speċifiċi għal kull pajjiż għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' fondi strutturali. Il-Kummissjoni se tiegħu wkoll azzjoni sabiex tissielet kontra l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa, u din se tkun tinkludi inizjattiva

dwar ir-rifuġji fiskali. Dan se jwassal biex id-dimensjoni tal-UE jkollha effett fuq l-isforzi nazzjonali biex jiġu kkonsolidati l-finanzi pubbliċi.

Nagħtu spinta lill-kompetittività permezz tas-suq uniku u tal-politika industrijali

L-objettiv

It-*tkabbir sostenibbli* u l-*ħolqien tax-xogħol jitolbu* li jkun hemm, flimkien, ambjent makroekonomiku stabbli u l-*kapaċità li nikkompetu fl-ekonomija globali*. L-Ewropa għandha punti ta' saħħa li jistgħu jagħtuha vantaġġ kompetittiv permezz ta' ekonomija soċjali tas-suq modernizzata u li jistgħu jgħinuha tkun fuq quddiem nett fit-rivoluzzjoni industrijali l-*ġdida*. Is-suq uniku u l-kompetizzjoni ġusta jistgħu jaħdmu id f'id permezz ta' investiment immirat u bil-metodu t-tajjeb *vis-à-vis* l-intraprenditorija sabiex jiġu sfruttati l-opportunitajiet għat-*tkabbir permezz ta' teknoloġiji ġodda u tal-innovazzjoni*.

X'hemm nieqes illum?

Jeħtieġ li s-suq uniku jkompli jaddatta sabiex in-negozji u l-konsumaturi f'Ewropa mingħajr fruntieri jkunu jistgħu jgawdu mill-potenzjal kollu tiegħu. It-tibdil teknoloġiku joffri possibbiltajiet enormi, iżda jeħtieġ li dan ikun akkumpanjat minn strateġiji ġodda f'oqsma bħall-*akkwist, l-istandards u l-proprjetà intellettuali*. Fil-qasam tal-politiki dwar l-*enerġija u l-klima*, jeħtieġ li l-UE jkollha qafas li jkopri żmien twil, sabiex l-investimenti u l-politiki jkunu mmirati lejn il-kompetittività u jindirizzaw it-tibdil fil-klima. Fejn tidħol l-*innovazzjoni, l-Ewropa waqgħet lura kaġun ta' fatturi li jxekklu l-bini ta' swieq ġodda u l-investiment fit-teknoloġiji li se jibdlu l-mod kif ngħixu, kif ukoll kaġun ta' problemi aktar vasti relatati mal-attitudnijiet tagħna lejn l-intraprenditorija u lejn il-falliment tal-impriżi*. Barra minn hekk, irid ikollha l-qafas legali t-tajjeb biex il-Galileo jevolvi b'mod li jkun jista' jitħaddem b'mod kummerċjali. Ma' dan kollu, imbagħad, hemm il-problemi li qed iħabbtu wiċċhom magħhom l-impriżi, b'mod partikolari dawk żgħar u medji, biex ikollhom aċċess għall-finanzi wara l-kriżi, kif ukoll l-ispejjeż żejda tal-piżijiet amministrattivi u l-impatt ta' xi amministrazzjonijiet pubbliċi li għadhom jaħdmu b'mod li għadda żmienu. Anki n-nuqqasijiet fil-livell tal-implimentazzjoni jxekklu milli jinkisbu l-benefiċċji kollha.

L-Att dwar is-Suq Uniku II ta' dan l-aħħar stabbilixxa 12-il azzjoni prijoritarja konkreta biex is-suq uniku jingħata impetu ġdid fuq erba' fronti: in-netwerks, il-mobbiltà, l-ekonomija diġitali u l-koeżjoni¹. Bil-Komunikazzjoni li ħarġet fl-2012 dwar politika industrijali ġdida² bħala bażi, il-Kummissjoni se tagħti ħarsa mill-ġdid lejn is-suq uniku għall-prodotti, li jirrappreżenta 75% tal-kummerċ intra-UE. Dawn l-azzjonijiet se jkomplu jibnu fuq l-azzjonijiet prijoritarji tal-ewwel fażi tal-Att dwar is-Suq Uniku³, li dwarhom issa jeħtieġ li jintlaħaq qbil malajr. Fl-2013 il-Kummissjoni ser taħdem bla heda mal-koleġiżlaturi biex dawn il-proposti jagħtu l-frott tagħhom u jitwettqu b'mod integrali u effettiv. Il-proposti ewlenin se jkunu jinkludu:

- Inizjattivi maħsubin biex jiġu allinjati r-regoli u biex jitnaqqsu l-ispejjeż sabiex wieħed jikkonforma mas-sistema tal-VAT permezz ta' dikjarazzjoni waħda;
- Proposta leġiżlattiva biex il-fatturazzjoni elettronika ssir mandatarja għall-akkwist pubbliku, li se tiffaċilita l-interazzjoni bejn l-impriżi u l-amministrazzjoni pubblika, se tnaqqas l-ispejjeż u se sservi ta' proġett pilota għal setturi oħrajn;

¹ COM(2012) 573 tat-3 ta' Ottubru 2012

² COM(2012) 582 tal-10 ta' Ottubru 2012

³ COM(2011) 206 tal-13 ta' April 2011

- Inizjattivi biex jiġu aġġornati u ssimplifikati r-regoli għaċ-ċirkolazzjoni tal-prodotti fis-suq uniku, u biex jiġu identifikati l-lakuni li għadhom qed jimblukkaw iċ-ċirkolazzjoni libera, kif ukoll biex tiġi intensifikata l-ħidma fuq l-istandards, iċ-ċertifikazzjoni u t-tikketti;
- Bħala parti mill-Orizzont 2020, matul l-2013 se jsiru proposti sabiex tiġi llonċjata u żviluppata sensiela ta' sħubijiet importanti bejn is-settur pubbliku u dak privat bil-ħsieb li l-investiment privati u dawk pubbliċi jinġiebu flimkien mal-baġit tal-UE b'mod li jinbena metodu komuni kif isiru l-affarijiet f'setturi strateġiċi ewlenin bħal dawk tal-farmaċewtiċi, tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u tan-nanoteknoloġija, u dan iwassal għal madwar EUR 9-10 biljun f'investiment ġdid;
- Inizjattiva b'raba mat-teknoloġiji u l-innovazzjon fil-qasam tal-enerġija, bil-ħsieb li jkollna sistema sostenibbli, fiż-żgur u kompetitiva tal-enerġija;
- Sensiela ta' riformi maġġuri biex jiġi mmodernizzat il-kontroll tal-għajjnuna mill-Istat;
- Il-modernizzazzjoni tal-mod kif naħdmu fil-qasam tad-drittijiet fuq il-proprjetà intellettwali, sabiex niżguraw li dan ikun effettiv u jirrispondi għall-ħtiġijiet tal-konsumaturi fid-dinja diġitali.

L-effiċjenza fl-użu tal-enerġija hija qasam ewlieni għall-kompetittività. Il-Kummissjoni se ssaħħaħ il-koperazzjoni tagħha mal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-direttiva dwar l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, u tal-leġiżlazzjoni dwar it-tikkettar marbut mal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u dwar l-ekodisinn. Fattur ieħor importanti għall-kompetittività se jkun l-implimentazzjoni tal-istrateġija għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali. Il-Kummissjoni ser tintensifika l-ħidma tagħha biex tgħin lill-impriżi żgħar u medji jaffaċċjaw l-isfida tal-finanzjament u jimplimentaw il-pjan ta' azzjoni għall-intraprenditorija. L-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-programm COSME⁴ se jkun lest biex jidħol fis-seħħ malli jibda l-perjodu finanzjarju l-ġdid fl-2014. L-ipprogrammar ġdid tal-Fond Soċjali Ewropew se jagħmel ukoll enfasi partikolari fuq l-importanza li jinkisbu l-ħiliet meħtiġin sabiex tirnexxi t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol u sabiex tiżdied l-impjegabbiltà tal-forza tax-xogħol.

Niggarantixxu l-interkonnessjoni biex inkunu kapaċi nikkompetu: Nibnu n-netwerks ta' għada llum

L-objettiv

Suq uniku Ewropew totalment integrat u interkonness li jkopri t-telekomunikazzjonijiet, l-enerġija u t-trasport huwa prerekwiżit għall-kompetittività, għall-impjiegi u għat-ħabbir. Biex naslu għal dan irid ikollna infrastruttura tan-netwerks bi prezz konvenjenti, aċċessibbli, effiċjenti u fiż-żgur. L-aċċellerazzjoni tat-twettiq tal-ekonomija diġitali se ġġib benefiċċji fis-setturi kollha, permezz tat-titjib fil-produttività, fl-effiċjenza u fl-innovazzjoni. L-Ewropa jrid ikollha netwerks diġitali tal-ogħla żvilupp tekniku sabiex iżżomm u tibni l-pożizzjoni kompetittiva globali tagħha, tkun tista' timmaniġġa l-isplużjoni fl-użu tal-Internet u fl-iskambju tad-dejta, u tisfrutta bis-sħiħ il-kisbiet fl-effiċjenza u s-servizzi innovattivi li ġabu magħhom l-iżviluppi kbar li saru online. Fil-qasam tal-enerġija, investimenti sinifikanti fil-grilji tal-elettriku u f'netwerks oħrajn tal-enerġija se jgħinu biex il-provvisti tal-enerġija jkunu

⁴ Il-Programm għall-Kompetittività tal-intrapriżi u l-SMEs 2014-2020

aktar fiż-żgur, u jsiru aktar sostenibbli u kompetittivi. Dwar it-trasport, suq uniku totalment integrat u networks aktar effiċjenti li jippermettu li wieħed jaqleb faċilment minn mezz tat-trasport għal ieħor, iġib miegħu benefiċċji enormi għaċ-ċittadini u u għall-impriżi, inkluż fiż-żoni urbani.

X'hemm nieqes illum?

Il-metodi użati fil-livell nazzjonali u diversi ostakoli qed ixekklu 'l-kompetittività u jimpedixxu l-isfruttament tan-networks fuq skala Ewropea. Mhux qed jiġi stimulat b'biżżejjed qawwa l-investment maħsub biex jingħata sostenn għal proġetti li se jkunu s-sisien tal-prosperità tal-Ewropa fil-ġejjieni, u dan l-investment qed jinżamm lura minħabba nuqqasijiet fl-ambjent regolatorju. Dan qed ixekkel ukoll lill-potenzjal għall-innovazzjoni f'oqsma bħall-grilji u miters intelliġenti, u t-trasport intelliġenti. In-nuqqas ta' interoperabbiltà jżid l-ispejjeż u ma jippermettix li jinħolqu kundizzjonijiet indaqs għal kulħadd. Il-lakuni fil-qafas regolatorju jżommu lura l-investment kummerċjali u l-fiduċja tal-konsumaturi f'oqsma ewlenin bħall-pagamenti. Il-lakuni fl-infrastruttura joħolqu spejjeż żejda u ineffiċjenzi għall-konsumaturi tal-enerġija, idewmu l-modernizzazzjoni tal-loġistika, u ma jħallux li l-broadband jiġi sfruttat totalment.

Sabiex tkompli timla l-vojt li għad baqa', fl-2013 u fl-2014, il-Kummissjoni se tagħmel proposti biex:

- It-trasport u l-loġistika tal-Ewropa jiġu mmodernizzati sabiex l-impriżi jkunu jistgħu jiffrankaw il-ħin u l-enerġija, kif ukoll sabiex jonqsu l-emissjonijiet, permezz ta' proposti dwar it-trasport bil-ferrovija u t-trasport tal-merkanzija, dwar it-traffiku tal-prodotti bejn il-portijiet tal-UE, u dwar l-Ajru Uniku Ewropew;
- Jiġu indirizzati l-ostakli għall-pagamenti elettroniċi;
- Jingħata sostenn għall-investment fin-networks ta' veloċità kbira;
- Tingħata spinta lill-kopertura u l-kapaċità tal-broadband billi jitnaqqsu l-ispejjeż biex jinfirex l-użu tiegħu u billi tiġi lliberata medda ta' frekwenza għall-broadband mingħajr fili.

Flimkien mal-politika ta' koeżjoni, Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa⁵ se tkun wieħed mill-kontributi l-aktar ovvjati tal-UE biex dawn l-ostakli jixxejnu billi tiġi stimolata l-iżvilupp tal-infrastruttura. Din il-faċilità għandha tkun qed taħdem fl-2013, b'definizzjoni ċara tal-prijoritajiet fundamentali. Fl-istess sena se jinbnew ukoll il-bonds tal-proġetti, li għandhom jikkontribwixxu biex jiġi kkontrollat u utilizzat l-investment tas-settur privat.

Dan se jmur id fid mal-konsolidament tar-regolamentazzjoni. Jeħtieġ li jsir aktar sabiex naslu għal spazju Ewropew proprju tat-trasport, li jkun iddixxiplinat permezz ta' regoli Ewropej: il-proposti dwar il-kollegament fis-settur ferrovjarju u dwar l-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew għandhom jitressqu bħala prijoritajiet. Fil-qasam tal-enerġija, trid titwettagħ l-aħħar fażi tal-liberalizzazzjoni biex is-suq intern tal-enerġija jkun ġie kkompletat sal-2014, u dan sabiex il-provvista tal-enerġija tal-Ewropa fil-ġejjieni tkun waħda sostenibbli, kompetittiva u fiż-żgur. Qafas ġdid għall-interventi nazzjonali fis-settur tal-enerġija se jkun element fundamentali biex jiġi żgurat li jsiru investimenti adegwati u li l-interventi fis-suq ikunu meħtieġin u proporzjonati.

⁵ COM(2011) 0665 tal-19 ta' Ottubru 2011

It-tkabbir sabiex jinħolqu l-postijiet tax-xogħol: Inklużjoni u eċċellenza

L-objettiv

Permezz tal-kapaċità tagħha li tgħaqqad flimkien it-tkabbir u l-inklużività, l-ekonomija soċjali tas-suq li nħaddmu aħna hija wieħed mill-akbar assi tal-Ewropa. Iżda llum il-ġurnata, l-ekonomija u s-soċjetà tal-Ewropa qed iħabbtu wiċċhom mat-theddida li l-problemi gravi ta' qgħad għoli u ta' żieda fil-faqar u fl-esklużjoni soċjali jsiru strutturali. Id-dimensjoni tal-UE trid tiġi kkontrollata u uttilizzata sabiex l-Istati Membri jiġu meġġunin sabiex jaħtfu kull opportunità biex jgħinu lin-nies li qed ifittxu x-xogħol u tiġi indirizzata d-diverġenza bejn il-provvista u d-domanda għax-xogħol. L-ewwel ħaġa li trid issir hi li jkollna politika attiva favur ix-xogħol li lil dawn in-nies tgħinjom ikollhom il-ħiliet it-tajbin biex isibu xogħol u li tuża l-potenzjal sħiħ tal-mobbiltà. L-għan għandu jkun li jinstabu modi innovattivi biex jitjebu r-riżultati tas-sistema edukattiva u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Hemm bżonn ta' politiki soċjali adegwati u sostenibbli u ta' servizzi soċjali aktar aċċessibbli sabiex jiġu inkuraġġiti l-inklużjoni soċjali u d-dħul fis-suq tax-xogħol. Jeħtieġ li jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-ħolqien tax-xogħol li għandhom is-setturi li l-aktar li jistgħu jkollhom tkabbir, bħall-ekonomija ekoloġika, it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, u s-setturi tas-saħħa u tal-assistenza soċjali. Sabiex iżommu l-forza tax-xogħol tagħhom fil-prospettiva għal żmien twil ta' soċjetà li qed tixjieħ, jeħtieġ li s-swieq Ewropej tax-xogħol ikunu inklużivi, u li jimobilizzaw lill-impjegati ta' kull età u għandhom kemm għandhom kwalifiki.

X'hemm nieqes illum?

L-iskala tal-qgħad fl-Ewropa, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh, hija sfida kbira għas-servizzi pubbliċi tal-impjegi u għal min iħaddem. Biex jerġa' jkollna t-tkabbir, huwa importanti li tingħata spinta lil-livelli ta' impjegabbiltà b'mod li ma jħallix barra lill-gruppi vulnerabbli. Il-potenzjal għall-ħolqien tax-xogħol f'setturi bħall-ekonomija ekoloġika, it-TIK, u s-saħħa mhuwiex sfruttat għal kollox. Is-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ mhumiex ilaħħqu mat-tibdil fil-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, u dan qed jirriżulta f'nuqqasijiet f'oqsma ewlenin bħax-xjenza, il-matematika u l-kompetenzi fl-informatika. L-edukazzjoni superjuri mhix konnessa biżżejjed mal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni, u mhix qed tgħaġġel biżżejjed biex tibni l-kapaċità f'oqsma bħat-TIK, u dan jirrifletti u jikkontribwixxi għal nuqqas ta' internazzjonalizzazzjoni. Il-qasam tat-tagħlim permanenti għadu qed jiżviluppa, filwaqt li la l-politika pubblika u lanqas il-prassi fin-negożju ma jirriflettu l-ħtieġa li titwal il-karriera tal-ħaddiema l-aktar anzjani. Ix-xogħol mhux iddikjarat joħloq sfida oħra. Jeħtieġ li l-ħarsien soċjali u l-investment soċjali jkun aktar effettivi. Il-gruppi vulnerabbli jsibuha partikularment diffiċli biex jidħlu, jew jerġgħu jidħlu, fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, il-potenzjal li l-lakuni jimtlew permezz tal-mobbiltà tal-ħaddiema huwa mxekkel minn problemi tar-rikonoxximent tal-kwalifiki, tad-dokumenti u tal-kompetenzi bejn l-Istati Membri.

L-għoti tas-sostenn lill-politiki tal-Istati Membri dwar ix-xogħol u l-ħolqien tal-impjegi huwa waħda mill-akbar prijoritajiet tas-semestru Ewropew. Fl-2013 il-Kummissjoni se tkompli taħdem b'mod attiv mal-Istati Membri u mas-sħab soċjali, b'mod partikolari fuq il-bażi tal-inizjattivi dwar il-garanzija liż-żgħażaġh u dwar l-apprendistati, li għandhom jiġu stabbiliti aktar tard din il-ħarifa. Sabiex tkompli timla l-vojt li għad baqa', fl-2013 u fl-2014, il-Kummissjoni se tagħmel proposti biex:

- Tkompli titjeb l-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi tal-impjieg u tan-netwerks bejn l-aġenziji nazzjonali tal-impjegi;

- L-investiment soċjali jiġi kkontrollat u utilizzat favur tkabbir inklużiv, permezz ta' gwida għar-riformi fil-politiki identifikati fil-qafas tas-semestru Ewropew, b'sostenn minn fondi tal-UE bħall-Fond Soċjali Ewropew;
- Jissuktaw l-isforzi favur l-internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni superjuri, biex l-Ewropej jitħejjew għal suq tax-xogħol dejjem aktar globali, miftuħ u kompetittiv;
- Jiġi stabbilit il-qafas it-tajjeb għall-istituzzjonijiet li jiġġestixxu l-pensjonijiet tax-xogħol.

L-ostakli għall-mobbiltà jibqgħu waħda mill-akbar problemi tas-suq uniku. L-adozzjoni u l-implimentazzjoni tar-reviżjoni tad-direttiva dwar il-kwalifiki professjonali⁶ se jkunu pass importanti lejn il-ftuħ tal-professjonijiet. Għandha tissokta l-ħidma biex ir-restrizzjonijiet bla bżonn għall-professjonijiet irregolati li jillimitaw il-possibbiltà li l-professjonisti jmorru jaħdmu fi Stat Membru ieħor jiġu eżaminati u mnaqqsin.

Wieħed mill-objettivi ewlenin għall-2013 se jkun it-tnejn ta' ġenerazzjoni ġdida ta' programmi bħala parti mill-Fond Soċjali Ewropew, u dan sabiex jiġi żgurat li dan iwassal biex jingħata s-sostenn l-aktar mgħaġġel u effettiv possibbli lill-modernizzazzjoni tal-politiki dwar is-suq tax-xogħol u dwar l-inklużjoni soċjali u biex jissaħħu s-sistemi tal-edukazzjoni u tat-tagħlim permanenti, sabiex jiġi żgurat li gruppi bħaż-żgħażaġh qiegħda u daww li ilhom ħafna bla xogħol ikollhom il-ħiliet it-tajbin biex iktar 'il quddiem ikunu kapaċi jaħtfu l-opportunitajiet tax-xogħol. Biex ikunu jistgħu jintlaħqu dawn il-miri, se jkun importanti l-kontribut ta' firxa wiesgħa ta' programmi tal-UE, fosthom il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, l-Orizzont 2020 u l-Erasmus għal Kulħadd.

L-użu tar-riżorsi tal-Ewropa biex nikkompetu aħjar

L-objettiv

Il-kompetittività tal-lum trid tkun orjentata lejn il-kompetittività ta' għada. L-ekonomija tal-UE għandha quddiemha potenzjal li għadu mhux sfruttat biex tkun aktar innovattiva, produttiva u kompetittiva filwaqt li tuża inqas riżorsi u tnaqqas il-ħsara ambjentali. Għandna niproduċu inqas skart, filwaqt li nużaw aktar mill-ġdid u nirriċiklaw aktar, skont il-prattika tal-Istati Membri l-aktar effiċjenti f'dan ir-rigward. Jekk naħdmu b'aktar effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, dan jikkontribwixxi għat-tkabbir, għall-ħolqien tal-impjiegi u għat-titjib tal-kompetittività, billi jnaqqas l-ispejjeż għall-impriżi u jgħib miegħu benefiċċji sinifikanti għas-saħħa u għall-ambjent, iwassal għal inqas emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u għal kontinwità orħos tal-enerġija, u billi johlq opportunitajiet ġodda għall-innovazzjoni u l-investiment. L-UE qiegħda f'pożizzjoni partikolarment tajba biex tagħti lill-politika d-dimensjoni meħtieġa biex tkopri żmien twil.

X'hemm nieqes illum?

Is-soċjetà u l-ekonomija Ewropea għadhom mhux qed jisfruttaw il-potenzjal sħiħ għall-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi. Ħafna skart reċiklabbli jiġi esportat jew mormi fil-miżblat. Innuqqas ta' oqfsa li jkopru żmien twil qed ixekkel l-ippjanar u l-investiment, l-aktar rigward qafas dwar il-klima u l-enerġija għal wara l-2020, iżda wkoll rigward l-użu sostenibbli fit-tul ta' riżorsi ewlenin bħalma huma l-arja, il-ħamrija, l-enerġija, l-ilma, il-ħut u l-bijomassa. Fl-

⁶ COM (2011) 883 finali

istess ħin, oqfsa bħal dawn jistgħu jgħinu biex tiġi stimolata l-innovazzjoni meħtieġa sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju f'oqfsa bħat-trasport, l-enerġija u l-biedja.

Sabiex tkompli timla l-vojt li għad baqa', fl-2013 u fl-2014 il-Kummissjoni se tagħmel proposti biex:

- Tingħata perspettiva, fuq medda twila ta' żmien, dwar kif l-UE se tibni fuq il-miri tagħha għall-2020 bil-ħsieb li nibqgħu għaddejjin bit-trajettorja tagħna lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju permezz ta' qafas komprensiv li jkun ikopri sal-2030;
- Tiġi ddefinita strateġija ġdida dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima sabiex l-Ewropa ssir aktar reżiljenti;
- Tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni dwar l-iskart, sabiex naraw kif swieq ġodda u riċiklaġġ aħjar jistgħu jikkontribwixxu għat- tkabbir;
- Il-qafas politiku tal-UE jiġi adattat għall-kwalità tal-arja.

Fl-istess ħin, l-iffinalizzar tal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' politiki dwar il-biedja u s-sajd u ta' programmi reġjonali u tal-iżvilupp rurali se jimmassimizza l-opportunità li l-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi jitlaqqgħu flimkien, b'enfasi fuq is-sostenibbiltà. Il-promozzjoni ta' "ekonomija kaħla" li tkun effiċjenti fl-użu tar-riżorsi se tgħin biex jiġi sfruttat il-potenzjal taż-żoni marittimi tal-Ewropa sabiex dawn jikkontribwixxu għat- tkabbir. Fl-2013 se tibda wkoll it-tielet fażi tal-Iskema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet (2013-2020).

Il-bini ta' Ewropa fiż-żgur

L-objettiv

Jeħtieġ li l-UE tħares liċ-ċittadini u lid-drittijiet tagħhom minn theddid u sfidi filwaqt li tkompli twarrab l-ostakli għaċ-ċirkolazzjoni taċ-ċittadini fl-Ewropa. Dan jinkludi l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-korruzzjoni, il-kontroll tal-fruntieri esterni tagħna u l-iżgurar tar-rispett lejn l-istat tad-dritt u lejn id-drittijiet fundamentali, b'mod li jkun hemm bilanċ ġust bejn is-sigurtà u l-mobbiltà. Hemm bżonn ukoll ta' sistema tal-ġustizzja li taħdem tajjeb u b'mod effiċjenti, sabiex jingħata sostenn lit-tkabbir u lill-intraprenditorija filwaqt li jiġu attratti l-investituri. Bl-istess mod, l-UE taħdem biex b'mod proattiv tnaqqas ir-riskji għas-saħħa, għas-sikurezza tal-ikel u tal-prodotti u għall-infrastrutturi kritiċi, u r-riskji mid-diżastri. L-użu bla periklu u sostenibbli tal-enerġija nukleari huwa element importanti ħafna f'dan il-kuntest.

X'hemm nieqes illum?

It-theddid għas-sikurezza u għas-sigurtà jevolvi, u r-rispons tal-UE jeħtieġ li jkun jirrifletti dan billi jagħmel użu mit-teknoloġija biex jindirizza s-sikurezza fl-oqsma tal-ikel jew tal-enerġija nukleari, billi taħdem biex tkun kapaċi tirreaġixxi għad-diżastri bl-aktar mod mgħaġġel u effettiv u billi ssaħħa il-koperazzjoni biex tiġi indirizzata d-dimensjoni transkonfinali dejjem tiżdied tal-kriminalità. Għandha tingħata attenzjoni partikulari lil oqsma bħall-finanzjament tat-terroriżmu u t-traffikar transkonfinali tal-armi. L-UE għandha responsabbiltà partikulari li tiproteġi l-interessi finanzjarji tagħha stess kontra l-frodi u l-korruzzjoni, iżda għad m'għandhiex il-qafas istituzzjonali sħiħ meħtieġ biex tkun tista' tagħmel dan. Għad trid titrawwem il-fiduċja reċiproka fl-oqsma tas-sikurezza, tas-sigurtà u tal-ġustizzja, u n-netwerks u l-iskambji meħtiġin biex dan iseħħ mhux dejjem ikunu hemm.

Hemm bżonn ukoll li jkun hemm il-viġilanza biex jiġi żgurat li d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE jiġu protetti għal kollox. Biex l-individwi u l-impriżi jiksbu l-vantaġġi kollha ta' drittijietom, irid ikollhom aċċess faċli għall-ġustizzja, bl-istess kundizzjonijiet fil-pajjiżi kollha, f'każijiet ta' litigazzjoni transkonfinali.

Biex tkompli timla l-vojt li għad baqa', il-Kummissjoni se tagħmel proposti:

- Biex jiġi stabbilit l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew sabiex jiġġieled kontra r-reati li jaffettwaw lill-baġit tal-UE u jhars l-interessi finanzjarji tagħha;
- Biex jiġi missielet it-traffikar tal-armi tan-nar;
- Biex titjeb il-koperazzjoni ġudizzjarja kemm fi kwistjonijiet kriminali kif ukoll f'dawk ċivili;
- Biex tiġi riveduta l-leġislazzjoni dwar is-sikurezza nukleari u tiġi proposta leġislazzjoni ġdida dwar l-assigurazzjoni u r-responsabbiltà fil-qasam tan-nukleari;
- Minħabba li l-2013 se tkun is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini, ir-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza se janalizza l-progress li sar fl-iżgurar li ċ-ċittadini tal-UE jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom faċilment u se jidentifika x'azzjoni tista' tittieħed fil-futur.

Il-Kummissjoni se timplimenta wkoll firxa ta' inizjattivi importanti biex tippromwovi ċirku virtuw ta' koperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet u s-sistemi ġudizzjarji nazzjonali. Il-ħidma

li għaddej biha bħalissa n-netwerk tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fi ħdan is-sistema ta' koperazzjoni għall-protezzjoni tal-konsumatur hi għodda fundamentali għall-infurzar prattiku. **L-ewwel rapport kontra l-korruzzjoni u l-ewwel tabella ta' valutazzjoni għudizzjarja se joffru għodod ġodda sabiex jiġu ffaċilitati l-identifikazzjoni u l-applikazzjoni tal-aħjar prattika. Jekk jintlaħaq ftehim dwar arranġamenti ġodda għall-governanza tax-Schengen, dan jagħti lill-Istati Membri għodda għida importanti biex tikkonsolida l-fiduċja reċiproka fil-kontroll komuni tal-fruntieri. L-isforzi għat-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmi eżistenti ta' solidarjetà fil-qasam tal-immigrazzjoni se jibqgħu għaddejjin.**

Nagħmlu l-parti tagħna: L-Ewropa bħala protagonista globali

L-objettiv

L-interessi tal-UE u l-impenn tagħha favur il-valuri tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet tal-bniedem jiddependu fuq x'jiġri lil hinn mill-fruntieri tagħha. Il-promozzjoni tal-valuri tagħna fil-viċinat immedjat u lil hinn minnu hija prijorità, li trid titwettaq billi nibnu sħubijiet ma' pajjiżi terzi u nipromwovu soluzzjonijiet multilaterali għal problemi komuni.

Kollettivament, l-UE hija l-akbar donatur fid-dinja ta' fondi għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp, għall-klima u għall-għajnuna umanitarja. Aħna wkoll l-akbar sieħeb kummerċjali tad-dinja. Meta jirnexxilha tuża r-riżorsi tagħha u tal-Istati Membri b'mod effettiv u konsistenti lil hinn mill-fruntieri tagħna u tiġbor flimkien firxa wiesgħa ta' strumenti disponibbli, l-UE jista' jkollha impatt u influwenza akbar fuq il-bqija tad-dinja. Din jikkontribwixxi biex jintlaħaq l-għanijiet tat-tkabbir, tal-istabbiltà u tad-demokrazija kif ukoll l-objettivi politiċi bħall-għieda kontra l-faqar u l-għoti ta' spinta lill-paċi u lis-sigurtà. Jgħin ukoll biex jitwettqu politiċi bħal dawk dwar l-indirizzar tat-tibdil fil-klima, l-ambjent, it-trasport u l-enerġija, u l-aħjar sfruttament possibbli tal-opportunitajiet għal koperazzjoni internazzjonali f'oqsma bħax-xjenza u t-teknoloġija. Fis-sena tas-sħubija tal-Kroazja, il-proċess tat-tkabbir u l-istrateġija tal-viċinat se jibqgħu jipprovdu għodod importanti biex jingħata sostenn lill-bidliet pożittiva fil-pajjiżi sħab li jinsabu fuq l-għatba tal-UE.

X'hemm nieqes illum?

Fix-xena globali, l-UE hija protagonista prinċipali; iżda jista' jsir aktar biex jiġi żviluppat metodu tabilħaqq unifikat bl-użu ta' diversi politiċi u strumenti differenti li jsaħħu lil xulxin. Jeħtieġ li l-UE tiżgura wkoll li jsir monitoraġġ aktar mill-qrib tal-implimentazzjoni tal-impenji tagħha, notevolment bħala parti mis-sostenn mogħti lil pajjiżi fil-viċinat tagħha li għaddejjin minn tranżizzjoni.

Id-dimensjoni esterna hija integrali biex jiġu inkuraġġiti t-tkabbir u l-kompetittività fl-2013 u fis-snin ta' wara. L-UE qed twettaq aġenda bilaterali ta' kummerċ u investiment ta' kobar mingħajr preċedent sabiex tikkomplementa l-isforzi tagħha fil-livell multilaterali. Waslu biex jiġu konklużi n-negozjati ma' sħab importanti bħall-Kanada, Singapor u l-Indja, u wieħed jittama li dalwaqt jinbdew in-negozjati mal-Ġappun. Anki r-rakkomandazzjonijiet finali tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar l-impjeggi u t-Tkabbir jistgħu jwittu t-triq għal negozjati dwar sħubija transatlantika ambizzjuża u komprensiva. Il-Ġappun u l-Istati Uniti tant huma sħab importanti li l-konklużjoni ta' ftehimiet ma' dawn iż-żewġ pajjiżi jistgħu jkabbri b'1-1½% lill-PDG tal-UE u joħlqu kważi miljun impjeg. Ftehimiet bħal dawn jiffavorixxu l-liberalizzazzjoni multilaterali u djalogu regolatorju, u jiffluw swieq

ġodda għall-prodotti u s-servizzi Ewropej. Bħalissa qed isiru eżerċizzji ma' sħab oħrajn biex jiġi ddeterminat l-ambitu ta' ftehimiet potenzjali.

Fl-2013 se ssir enfasi partikulari fuq il-konsolidazzjoni tal-istat tad-dritt bħala element ankrat fiċ-ċentru tal-politika tat-tkabbir, fuq il-konsolidazzjoni tal-istabbiltà ekonomika u finanzjarja, u fuq il-promozzjoni ta' relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien u ta' koperazzjoni reġjonali eqreb f'oqsma bħall-kummerċ, l-enerġija u t-trasport. Il-politika tal-viċinat se tibqa' tiffoka fuq metodu bbażat fuq inċentivi, fejn is-sostenn tal-UE għar-riformi jkun ibbażat fuq progress ċar rigward id-demokratizzazzjoni u r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem. Il-prijoritajiet tal-2013 se jkunu ż-“Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva”, is-sħubiji għall-mobbiltà u l-iffaċilitar tal-viżi.

L-UE wiegħbet għat-tibdil mgħaġġel fil-viċinat tagħna permezz tal-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat riveduta, li jikkonsolida is-sħubija tal-Lvant u jagħti bidu għal sħubija għad-demokrazija u l-prosperità kondiviża mal-ġirien tan-Nofsinhar. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-ġirien tagħna fin-Nofsinhar, fl-2013 se nikkonċentraw fuq l-implimentazzjoni u l-ksib tar-riżultati, bl-użu ta' modi innovattivi biex nimmobilizzaw ir-riżorsi politiċi u ekonomiċi b'mod li minnu jgawdu ż-żewġ naħat.

Hekk kif qed toqrob il-laqgħa għolja dwar l-għanijiet ta' żvilupp tal-Millennju (Millennium Development Goals, MDG), li se ssir fl-2015, l-UE qed taħdem biex twettaq l-impenji li daħlet għalihom rigward l-għajnuna għall-iżvilupp kif ukoll biex tilħaq il-miri speċifiċi tat-tkabbir sostenibbli u tar-reżiljenza fil-konfront tal-kriżi. Għaddejja wkoll b'negozjati importanti biex, ngħidu aħna, sal-2015 ikun sar ftehim internazzjonali ġdid dwar il-klima. Fl-istess waqt, bl-ikkompletar ta' ġenerazzjoni ġdida ta' strumenti għall-azzjoni esterna, l-2013 se tkun sena importanti għall-iżgurar li l-orjentazzjoni l-ġdida tal-politika tal-UE dwar l-iżvilupp – Aġenda għall-Bidla⁷ – tiġi integrata fir-relazzjonijiet tagħna ma' sħabna, b'enfasi ġdid fuq il-governanza tajba, fuq it-tkabbir inklużiv u sostenibbli, u fuq l-istimolu għall-investiment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Fl-istess sena se jittieħdu passi oħrajn biex jiġi żgurat li l-UE tkun kapaċi ttrrispondi minnufih u b'mod effettiv f'każ ta' kriżi u biex jiġi żviluppat rispons komprensiv għall-prevenzjoni, il-ġestjoni u r-riżoluzzjoni tal-kriżijiet.

Sabiex tkompli timla l-vojt li għad baqa', fl-2013 u fl-2014 il-Kummissjoni se tagħmel proposti biex:

- Tipproponi, fuq il-bażi tas-suppożizzjoni li l-eżerċizzji li qed isiru bħalissa biex jiġi ddeterminat l-ambitu ta' ftehimiet potenzjali u d-diskussjonijiet preliminari li għaddejjin se jirnexxu, direttivi ta' nneozjar għal ftehimiet komprensivi ta' kummerċ u ta' investiment ma' sħab rilevanti;
- Tippreżenta pożizzjonijiet koerenti tal-UE li jgħibu flimkien l-għanijiet ta' żvilupp tal-Millennju, l-aġenda għall-iżvilupp ta' wara l-2015 u r-Rio+20.

⁷ COM(2011) 637 tat-13 ta' Ottubru 2011